MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 9/2003

**Sullivan Maritime Limited**

**Vs**

**Alfred Mamo f'ismu propju u ezercenti l-kummerc taht l-isem Novita Bagno**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz fejn is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' Lm391.13c (tlett mija u wiehed u disghin lira Maltin u tlettax il-centezmu) ghas-servizzi li l-istess socjeta' attrici ghamlet fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li l-ammont pretiz mhux dovut "ma hemm ebda pendenza mas-socjeta' attrici". Il-konvenut qal li dejjem hallas ghas-servizzi li nghataw lilu mis-socjeta' attrici u qatt ma kellu arrangamenti ta' kreditu.

Ra li Alfred Mamo xehed bil-gurament li dejjem hallas lis-socjeta’ attrici ghas-servizzi ta’ l-istess socjeta’.

Ra d-dokument esebit mis-socjeta’ attrici a Fol 9. tal-process li hija l-invoice li skond l-attrici ghadha pendenti.

Ra li l-kawza giet differita ghat-8 ta’ Mejju 2003 sabiex il-konvenut jipprezenta l-provi.

Ra li fit-8 ta’ Mejju 2003 il-konvenut ma ressaq ebda provi.

Ra li Dr Lennart Depasquale ghas-socjeta’ attrici kkonferma bil-gurament li l-ammont huwa dovut.

Ikkunsidra li huwa l-konvenut li kellu jipprova li hallas l-invoice in kwistjoni. Il-konvenut qal li dejjem hallas u qatt ma kellu “credit facility” izda l-konvenut naqas li jipprezenta rcevuta ghal invoice in kwistjoni. Illi fis-seduta tat-28 ta’ April 2003 giet esebita l-invoice in kwistjoni u ghalhekk il-konvenut kellu l-opportunita li jipprezenta prova dwar hlas ta’ dan l-invoice in partikolari izda naqas li jidher meta ssejhet il-kawza fit-8 ta’ Mejju 2003.

Illi hu principju stabilit li meta hemm eccezzjoni tal-pagament hemm inversjoni fil-piz tal-prova. L-ahjar prova hija l-ircevuta. Illi l-konvenut kellu l-opportunita li jgib ircevuta jew prova ahjar tal-hlas u mhux sempliciment jistrieh fuq xhieda generika tal-allegazzjoni li dejjem hallas. Hemm invoice partikolari u l-konvenut kellu l-obbligu li jipprova li dak l-invoice kien imhallas.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lil konvenut Alfred Mamo sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm391.13c (tlett mija u wiehed u disghin lira Maltin u tlettax il-centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-invoice (15 ta’ Mejju 2001).

--------------------------------TMIEM--------------------------------